2026/1837

27.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1837

tal-24 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 ([1]).

(2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532, jenħtieġ li l-miżuri restrittivi stipulati fiha jiġġeddu sas-27 ta' Lulju 2027.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw erba' persuni elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 jitħassru minn dak l-Anness.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 10, id-data "27 ta' Lulju 2026" hija sostitwita bis-"27 ta' Lulju 2027";

(2) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1532 tal-20 ta' Lulju 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-appoġġ militari tal-Iran għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u lil gruppi armati u entitajiet fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u tal-Baħar l-Aħmar kif ukoll l-azzjonijiet tal-Iran li jdgħajfu l-libertà tan-navigazzjoni fil-Lvant Nofsani (ĠU L 186, 25.7.2023, p. 20, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1532/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE

ANNESS

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni (PESK) 2023/1532, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", l-entrati li ġejjin huma mħassra:

2. Mohammad Shahab KHANIAN

8. Gholam Ali RASHID

13. Behnam SHAHRIYARI

14. Ali SHADMANI.